# Dun Karm Vella (1855 - 1910)

**Kitba ta' Dun Joe Abela**

## Twelid ta' Carmelo Vella



*Carmelo Vella twieled fiż-Żejtun, fil-parti msejħa "Ħal-Bisbut" (il-lum magħrufa bħala r-Raħal ta' Fuq), fl-14 ta' Jannar 1855, iben Ġanni Vella u Maria Carmela, xebba Manueli. L-għada ġie mgħammed minn Dun Pawl Ellul, kappillan taż-Żejtun, li qabel kien Kanonku fil-Kolleġġjata ta' Bormla. Iċ-ċkejken Carmelo ngħata numru ta' ismijiet oħra, jiġifieri Laurentius, Angelus, Phillipus, Vincentius u Josephus. Żgur li l-ismijiet Filippu u Vincenzo ngħataw lilu mill-parrinu l-Markis Marius Phillipus Testaferrata li kien igawdi l-Markiżat ta' San Vinċenz Ferreri u li barra fil-Belt Valletta, il-familja kellha l-palazz Aedes Danielis fiż-Żejtun. Nistgħu ngħidu wkoll l-istess għall-isem "Angelus" li żgur mill-ewwel iffakrek fil-knisja ta' Sant' Anġlu Martri fiż-Żejtun li kienet tal-familja Nobbli Bonici Testaferrata. Jidher li Ġanni Vella kien mhux biss ġirien, iżda wkoll midħla sewwa tal-familja Testaferrata. Il-parrina fil-magħmudija ta' Carmelo Vella kienet is-Sinjura Anġela Attard miż-Żejtun.*

## Laqam tal-Marniżi

*Il-familja kienet imlaqqma 'Tal-Marniżi' jew 'Tal-Marnisi'. Minn fejn ġie dan il-laqam? Żgur li "l-Marniżi" hu qasam art ta' xi sebgħin modd, nofs it-triq bejn iż-Żejtun u Marsaxlokk, kollu ħdura, u mnejn jidher il-baħar ta' Marsaxlokk. Il-Marniżi jibda minn wara in-niċċa tar-Redentur u jibqa' sejjer lejn ix-Xerriek. Jinkludi l-Palazz magħruf bl-istess isem li nbena mill-Familja Bonici Testaferrata. Miegħu kellu kappella ta' San Duminku. Jista' jkun li l-familja Vella kellha xi konnessjoni ma' dan il-qasam art.*

*Erin Serracino Inglott, fil-Miklem Malti, jispjega l-kelma "Marnisi" bħala derivata mill-Isqalli "Marnisi", Taljan "Marnese" jew "Marnoso". "Marna" (Ingliż "Marl") hi kwalita' ta' blat, ġebel li jixbaħ lill-ġibs, speċi ta' tafal biż-żnied. Agius de Soldanis isejjaħ "Il-Marniżi" bħala post "ameno", li tfisser sabiħ ("Pleasant, agreeable"), iżda imbagħad ikompli jagħti derivazzjoni dubbjuża. Jgħid li l-isem ġej minn Marnos, alla tal-antiki, u għalhekk "il-Marniżi" kien qasam tas-sinjuri, għaliex fis-Sirjak "Marnos" tfisser sinjuri, l-post tat-tempju ta' alla Marnas. Jingħad li t-tempju qadim ta' Melħart kien f'dawn l-inħawi.*

## Ħidma Pastorali fiż-Żejtun

*Induru mill-ġdid lejn Dun Karm Vella, li wara li kiber u sar saċerdot dejjem wettaq il-ħidma pastorali tiegħu fiż-Żejtun. Żgur li kellu ħafna konnessjoni mar-Raħal ta' Fuq. L-ewwelnett kien joqgħod fid-dar fejn illum is-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu' għandhom l-iskola tat-tfal żgħar. Fl-istess dar jinsab ritratt tiegħu. Kien Organista fil-knisja parrokkjali u dam rettur tal-knisja tal-"Madonna tal-Ħniena" f'Bir id-deheb mill-mewt ta' Dun Ġwann Tabone fl-1894 sa ma miet hu stess fl-1910. Warajh sar rettur tal-"Madonna tal-Ħniena" Dun Spir Grixti, il-fundatur tad-Domus. Iżda żgur li l-aqwa servizz pastorali fost iż-Żwieten Dun Karm wettqu bħala Viċi-kappillan tal-parroċċa.*

*Jaħdem għal Vokazzjonijiet Saċerdotali*

*Jingħad fuqu li kien iħobb ħafna l-vokazzjonijiet saċerdotali. Jgħidu li kellu terrazzin ċkejken fl-isqaq innaħa ta' wara ta' Ġnien Luqa Briffa, fejn kien iħobb imur għall-kwiet jitlob u jaqra. Din id-dar ċkejkna, ta' xi żewġ kmamar żgħar, kellha ġnien magħha, li kien imdaqqas ġmielu. Illum sar ħafna tibdil f'dan il-post. Jgħidu li Dun Karm kien iħobb jieħu l-istudenti fis-sajf biex jistudjaw f'dan il-ġnien.*

*Dun Karm miet fl-eta ta' 55 sena nhar is- 17 ta' Diċembru 1910 wara li rċieva s-Sagramenti kollha. Sarlu funeral fejn ħadu sehem is-saċerdoti kollha taż-Żejtun, u ġie midfun fis-sezzjoni tas-SS. Vjatiku fil-kannierja tal-knisja parrokkjali.*